MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Numru. 158/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**Vs**

**JOSEPH ZAHRA ta’ 55 sena, bin Joseph u Anna nee’ Cutajar, imwieled Birzebbugia fis-6 ta’ April 1953 u joqghod 5/2 Officer’s Mess, Hal Far u detentur ta’ karta ta’l-identita’ bin-numru 293553(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Zahra akkuzat talli fit-22 ta’ Frar 2007 bejn 00:00hrs u 1:00a.m. f’Hal Far:

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xort’ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 524P.Cassar, PS292 R. Vella u PC626 G.Benetti, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt

li kienu qed jagixxu ghall-esekuzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti.

2. ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq PS 524 P.Cassar, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex l-ghaxar liri Maltin ghad-dannu ta' PS524 P.Cassar

4. m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita' jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirjiethom jew b'xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi.

5. bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies b'ghajjat, storbju, glied, dagha jew mod iehor.

Akkuzat ukoll talli fit-22 ta' Frar 2007 ghal habta tan-12:30pm fil-bini tal-Qorti, il-Belt Valletta:

1. ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq l-Ispettur Johann J. Fenech, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2. m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita' jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi.

3. volontarjament kiser il-bon ordni je il-kwiet pubbliku.

Akkuzat ukoll li sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tas-16 ta' Marzu 2007 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti

Semghet il-provi

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni maghmula mill-partijiet

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba u mid-dokumenti esbieti f'dina il-kawza jirrizulta illi fl-14 ta' Dicembru 2006 kienet giet moghtija sentenza fil-konfront ta'l-imputat mill-Qorti tal-Magistrati kif ipprejseduta mill-Magistrat Anthony Vella u dana in konnessjoni ma' nuqqas ta' hlas ta' manteniment skond ordni tal-Qorti, f'liema snetenza l-imputat kien gie misjub hati u wehel tlett xhur prigunerija. Illi huwa appella minn dina s-sentenza, liema appell gie appuntat ghas-smiegh fil-gurnata tas-16 ta' Frar 2007. Jidher illi minhabba ragunijiet ta' sahha l-imputat ma attendiex ghal dana s-smiegh minghajr ma ghamel talba ghal differiment u kwindi l-appell gie dikjarat dezert u ghalhekk inhareg *ticket of admission* ghal habs sabiex l-imputat jibda jiskonta il-piena ta' tlett xhur prigunerija li kienet giet inflitta fuqu mill-ewwel Qorti. Madanakollu fl-20 ta' Frar 2007 l-imputat intavola rikors quddiem il-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fit-terminu moghti mil-ligi, fejn talab sabiex l-appell tieghu jerga'' jigi appuntat ghas smiegh, u l-Qorti permezz ta' digriet tal-21 ta' Frar 2007 laqghat dina it-talba u appuntat l-appell ghas-smiegh ghat 2 ta' Marzu 2007.

Illi f'dik il-gurnata stess tal-21 ta' Frar tard fil-ghaxija madanakollu, l-imputat instab mill-pulizija hdejn it-Tiger **B**ar gewwa l-Marsa, peress illi kien involut f'argument

hemmhekk ma' persuna. Billi l-pulizija kienu gew infurmati illi kien inhareg ticket of admission ghal habs mill-Qorti ta'l_Appelli Kriminali (ara Dokumenti a fol.12 u 13 tal-process) huma ipprocedew ghall-arrest tieghu. Illi l-ufficjali tal-pulizija kollha li kienu involuti f'dana l-arrest u cioe' il-PS645 Jerry Attard, il-PS626 Gian Carlo Benetti il PS292 Robert Vella u il-PS 524 Paul Cassar isostnu illi fl-ebda mument l-imputat ma infurmhom illi l-appell tieghu kien rega' gie appuntat ghas smiegh, ghalkemm l-imputat fix-xhieda tieghu ighid mod iehor. Huma jikkontendu illi l-imputat mal-ewwel gie mgharraf bir-raguni ghall-arrest tieghu, izda huwa fl-ebda mument ma gibdilhom l-attenzjoni ghal fatt illi dana l-appell ma kienx mar dezert. Fil-fatt l-imputat talab lill-pulizija sabiex ikun jista' jiehu il-karozza hdejn ir-residenza tieghu u sabiex ikun jista' jitma l-annimali li ghandu hemmhekk qabel ma imur maghhom lejn il-habs u fil-fatt l-ufficjali tal-pulizija bil-pacenzja kollha wassluh sa Hal Far u assistewh sabiex jaghmel dana u sabiex ikun jista' igib hwejjgu minn hemm. Tul dana il-hin kollu u cioe' madwar siegha shiha huma jikkontendu illi l-imputat qatt ma talabhom jivverifikaw dwar l-appell tieghu. Fil-fatt huwa sa dan il-hin ikkopera maghhom u kien lest imur maghhom lejn il-lock-up.

Illi kien biss meta is-surgent Cassar mar sabiex ilibbes il-manetti lill-imputat illi hawnhekk l-imputat tilef kull sens ta' raguni. Huwa beda jirrezisti lis-surgent, ma riedx jilbes il-manetti u anke sar aggressiv fil-konfront tieghu tant illi huwa spicca qaccatlu l-*ear piece* li kellu tar-*radio*. Illi f'dana il-punt ghalhekk PS 292 Robert Vella u PC 626 Giancarlo Benetti kellhom jaghtu l-assistenza lis-surgent Cassar sabiex ikun jista' ilibbes il-manetti lill-imputat u sabiex idahhluh fil-vettura tal-pulizija u dana fost hafna ghajjat u storbju. Illi anke matul it-triq kollha lejn il-lock up, l-imputat kompla fl-attitudni tieghu aggressiva u dana b'mod verbali tant illi anke beda jhedded lis-Surgent Cassar.

Illi mill-provi irrizulta illi sal-mument meta l-imputat ittiehed lejn il-lock-up tal-pulizija u anke meta tidahhal gewwa u inzamm arrestat, il-pulizija ma kenux ghadhom gew infurmati illi l-appell ta'l-imputat ma kienx mar dezert u

kwidni illi huwa kellu jigi rilaxxjat. Fil-fatt jidher illi dina l-informazzjoni giet mghoddija lill-pulizija involuti fit-22 ta' Frar 2007 ghal habta tas-1:30p.m., meta allura dana l-incident kien diga sehh. (Dokument CSH2).

Illi fil-fatt fil-gurnata tat-22 ta' Frar 2007, l-imputat gie akkumpnjat l-Qorti mill-Ispettur Fenech peress illi dak in-nhar huwa kellu xi zewg kawzi ohra pendenti, fejn imbaghad fl-edificju tal-Qorti l-Ispettur gie mgharraf mill-Avukat Leon Bencini li kien id-difensur ta'l-imputat illi l-appell tieghu kien reg gie appuntat ghas-smiegh. Madankollu l-imputat ma setax jigi rilaxxjat peress illi kien gie arrestat in konnessjoni ma'l-akkuzi odjerni.

Illi anke fil waqt illi kien fl-edificju tal-Qorti flimkien ma'l-Ispettur Johann Fenech, huwa baqa' igib ruhu b'mod hazin, tant illi huwa anke rega' beda jaghmel l-istorbju u anke hedded lill-Ispettur u beda jirrifjuta jinzel l-ghassa mieghu sabiex tittehidlu l-istqarrija. Huwa ghamel dana biss wara li l-avukat tieghu ikkonvincieh jaghmel dana bil-kwiet u minghajr ma johloq iktar problemi.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat principalment b'akkuzi taht dak dispost fl-artikoli 95 u 96 tal-Kap.9, li huma zewg akkuzi distinti minn xulxin u dana peress illi l-artikolu 95 jipprevedi is-sitwazzjoni fejn persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku tisfa mhedda , ingurjata jew inkella isir xi offiza fuq il-persuna taghha waqt li  tkun qed taqdi id-doveri taghha skond il-ligi filwaqt illi l-artikolu 96, imbaghad jipprevedi l-attakk jew ir-resistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq persuna inkarigata skond il-ligi minns servizz pubbliku filwaqt illi dik il-persuna tkun qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi minn awtorita kompetenti.

Illi ma hemmx dubbju illi l-ufficjali tal-pulizija kollha involuti huma ufficjali pubblici jew persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku. Illi meta l-imsemmija ufficjali tal-pulizija ipprocedew ghall-arrest ta'l-imputat huma kienu

qed jaghmlu dana in esekuzzjoni ta’ ordni li kienet giet moghtija lilhom minn awtorita kompetenti. Fil-fatt huma ipprocedew ghal-arrest abbazi ta’ ticket of admission ghal habs mahrug mill-Qorti. Illi ghalkemm jirrizulta mill-provi illi l-arrest ta’l-imputat ma kellux jigi ezegwiet minhabba li l-appell tieghu kien rega gie appuntat has-smiegh, madanakollu l-ufficjali tal-pulizija involuti, inkluz ukoll ghalhekk l-Ispettur Johann Fenech ma kenux gew avzati b’dana u ma gewx moghtija ghalhekk l-ebda ordni sabiex ma jipprocedux bl-arrest, hlief l-ghada u cioe’ fit-22 ta’ Frar fis13:29. Illi l-Qorti temmen bi shih dak illi jistqarru l-ufficjali tal-pulziija involuti meta sostnew illi l-imputat fl-ebda mument ma infurmhom illi kien ghamel rikors sabiex l-appell tieghu jigi riappuntat. Li kieku dana sehh certament illi kienu jivverifikaw dana il-fatt u l-imputat ma kienx jigi arrestat. Tant hu hekk illi l-imputat kien lest li imur maghhhom lejn il-lock up u li jigi arrestat.

Illi l-fatt illi l-imputat beda jirrifjuta jilbes il-manetti u uza il-forza sabiex jirresisti dina l-ordni moghtija lilu mill-pulizija tikkostitwixxi ksur ta’ dak dispost fl-artikolu 96, tant illi l-pulizija spiccaw kellhom juzaw il-forza sabiex idahhluh gewwa il-vettura taghhom. Tant kien aggressiv f’dana il-mument l-imputat, talli huwa spicca bircx kisser l-ear piece tar-radio tas-surgent Cassar. Inoltre fil-vettura al-pulizija, imbaghad huwa beda ihedded lis-surgent Cassar. Dana kollu sehh fost hafna ghajjat u storbju.

Illi inoltre kif diga inghad irrizulta ampjament ippruvat illi fil-kors ta’ dana l-incident, l-imputat kisser l-ear piece tar-radio tas-surgent Cassar li skond ix-xhieda ta’l-istess surgent swielu Lm9 sabiex jixtri iehor u ghalhekk it-tielet akkuza ukoll tirrzulta ampjament ippruvata.

Illi ghar-rigward ta’l-akkuzi li sehhew fit-22 ta’ Frar 2007 gewwa l-edificju tal-Qorti, dawna ukoll jirrizultaw sufficjentament ippruvati u cioe’ illi l-imputat hedded lill-Ispettur Johann Fenech, kif ukoll li beda jirrifjuta jobdi l-ordnijiet li kienu qed jigu moghtija lilu mail-Ispettur u ghamel dana biss kif gie mitkellem mill-avukat tieghu.

IIlli anke l-akkuza tar-recidiva tirrizulta ampjament ippruvata u dana permezz ta' diversi sentenzi li gew mogthija mill-Qrati taghna u li huma esebieti fl-atti fil-konfront ta'l-imputat.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora il-fedina penali ta'l-imputat, li jidher illi huwa bniedem li ma jafx jirraguna izda li jaf biss jirrikorri ghal glied, l-ghajjat u l-istorbju sabiex jipprova l-argument tieghu! Illi l-Qorti tikkondividi bi shih dak li gie deciz mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali meta dwar l-akkuzi in dizamina stqarret:

"Il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm u dan, kull ma jmur, qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv u ghalhekk huma ghandhom kull dritt li jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi w tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom."

"Din il-Qorti, ghall-anqas kif ippresjeduta, dejjem irriteniet li r-reat kontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizija fil-kors normali tad-doveri taghhom – ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija …. L-inkolumita' fizika tal-pulizija m'ghandiex tigi perikolata semplicement ghax dak li jkun ikun irrabjat, inkwetat jew ghax taqbizlu c-cinga!" (ara sentenzi il-Pulizija vs Josianne Bonello 16/01/2003 u il-Pulizija vs Ivan (John) Felice – 04/06/2002).

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 325(1)(d), 338(m), 338(ee), 338(dd) , 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija, mil liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Finalment il-Qorti, b’applikazzjoni ta’l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda torbot lill-imputat taht garanzija ta’ hames mitt euro sabiex bl-ebda mod huwa ma jimmolesta lill-Ispettur Johann Fenech u PS 524 Paul Cassar u dana ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------